**19 ta' Frar, 1962**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci,C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Giuseppa Camilleri ne.

*versus*

Giovanni Schembri

**Ritrattazzjoni — Provi Foloz — Art. 814(j) tal-Kap. 15**

*Kawża deċiża b'sentenza ġudikat tista' tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mhassra dik is-sentenza, meta l-istess sentenza tkun bażata fuq provi li b'sentenza moghtija wara jiġu dikjarati foloz. Ghaldaqstant, jekk sentenza ġiet bażata sostanzjalment fuq xhieda li in segwitu tiġi dikjarata falza b'sentenza ohra, il-kawża li fiha ġiet moghtija dik is-sentenza hekk bażata hija suġġetta ghar-ritrattazzjoni.*

*Il-ġudizzju tar-ritrattazzjoni jikkonsisti f'żewġ stadju differenti; wiehed dak imsejjah "il rescindente", li fih tiġi annullata s-sentenza mpunjata, u l-iehor dak imsejjah "il rescissorio", li fih terġa ssir trattazzjoni ġdida u tinghata sentenza ġdida.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attriċi nomine, wara li ppremettiet illi fit-28 ta' Ġunju 1948 (dok. A), minn relazzjoni ses-

swali bejn l-imsemmija Giuseppa Camilleri u l-konvenut Giovanni Schembri, twieled l-imsemmi tifel Annunziato Camilleri; talbet (1) illi l-istess konvenut jiġi dikjarat missier naturali tal-imsemmi Annunziato Camilleri, li tweled mill-unjoni illeġittima bejn Giuseppa Camilleri u l-konvenut stess Giovanni Schembri; (2) u konsegwentement jiġi kundannat jissomministra lilha nomine, fl-interess tal-istess tifel, pensjoni alimentarja fil-kwalità, lok o modalitajiet li joġgħobha tistabbilixxi. Bl-ispejjeż;"

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1951, li biha l-konvenut ġie dikjarat missier naturali tat-tarbija in kwistjoni, u ġie kundannat iħallas lill-attriċi nomine, għal binha, l-ammont ta' £1.10.0 fix-xahar f'darha mill-jum tas-sentenza, bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi mid-dokument "A" eżibit mal-att taċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-attriċi, li hija xebba, fit-28 ta' Ġunju 1948, kellha tarbija li ġiet imgħammda fit-3 ta' Lulju tal-istess sena, u li lilha ġie mogħti l-isem ta' Annunziato. Fil-fidi batteżimali din it-tarbija ġiet imniżżla bħala bin missier mhux magħruf u Giuseppa Camilleri bint Emmanuele, l-attriċi, li qegħdha tattribwixxi l-paternità tagħha lill-konvenut, billi tgħid li għall-ħabta tal-aħħar ta' Settembru 1947 kellu x'jaqsam magħha bi vjolenza u theddid fil-ħanut tiegħu ż-Żurrieq — dak li l-konvenut jinnega deċiżament, u li in difiża sostna wkoll li l-attriċi kellha relazzjonijiet simili ma' ħadd ieħor. Jingħad ukoll li, peress li għall-epoka meta sar il-każ l-attriċi kienet għadha ta' età minuri, il-konvenut, li kien ġie ndikat, kif intqal, bħala missier tal-istess tarbija, kien ġie proċessat kriminalment fuq l-akkuża ta' korruzzjoni tal-minorenni Giuseppa Camilleri, l-attriċi odjerna; u wara li weħel tliettax il-xahar lavori forzati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti Kriminali tal-14 ta' Mejju 1948, huwa nterpona appell, u din l-aħħar Qorti, bis-sentenza tagħha tal-11 ta' Ottubru 1948, ċaħdet l-appell u kkonfermat fil-meritu s-sentenza, b'dan li, in kwantu għall-piena, irriduċietha għall-lavori forzati ta' sitt xhur;

Illi mill-eżami tax-xhieda li nstemgħu fil-kors tal-kawża jidher ċar kemm f'din il-kawża saru ntrigi u maneġġi; u jekk dejjem kien minnu li huwa mportanti li jiġu mismugħa mill-ġudikant ix-xhieda "viva voce" għall-apprezzament tad-dikjarazzjonijiet tagħhom u għall-konvinzjoni morali, tant meħtieġa għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, fil-każ in diskussjoni dan il-kanoni jsib il-ġustifikazzjoni tiegħu pjena u tipikament kompleta u perfetta. Tabilħaqq, fil-każ in diżamina, mir-relazzjoni tal-fattijiet, dikjarazzjonijiet u affermazzjonijiet tax-xhieda u l-kontendenti, miktuba weħedhom, huwa diffiċli, għalkemm mhux impossibbli, li tifforma opinjoni ta' fejn tirrisjedi l-verità; u taħt iċ-ċirkustanzi jista' jkun li l-menti tinklina onestament u nkonxjament biex tagħżel it-trieq talanqas reżistenza fis-sens tad-dubju bil-konsegwenzi konnaturali għall-formazzjoni ta' dak l-istat ta' moħħ; imma jekk min jaqra dawk il-konfliġġenzi u diżarmoniji fl-istess mentri jkun sama', ra u osserva personalment dik l-istess umanità fil-kors tal-iżvolġiment gradat tal-proċess mill-atteġġjament, diportament u reazzjonijiet tal-istess persuni waqt l-eżami u l-kontro-eżami tagħhom, bl-użu ta' daqsxejn ta' riflessjoni fl-isfond tal-esperjenza tal-ġrajja tal-ħajja ta' kulljum tal-istess umanità fil-kampanja, fejn ġraw il-fattijiet, ma hemm ebda raġuni li jiġi dubitat li jkun jista' jara aħjar u b'anqas diffikultà ritratta u riprodotta b'aktar korrettezza l-atmosfera li ma' dwarha u fiha jkunu ħadu parti volontarja u nvolontarja x-xhieda u l-atturi prinċipali konnessi mat-twelid tat-tarbija in kwistjoni. Huwa minnu, kif jista' jiġi notat mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda "hinc inde" prodotti, li x'uħud minnhom kienu qegħdin jiddeponu taħt orgasmu li dik il-paternità kienet qegħda tiġi jew direttament marbuta magħhom jew indirettament insinwata dwarhom, u li konsegwentement kellhom istintivament, għar-raġuni ta' difiża personali, iħossu ċerta reazzjoni kontra jew konsiljazzjoni dovuta għall-biża favur il-parti tal-kawża li dehrilha li kellha tagħżel dik il-vija ta' difiża sabiex tallontana minnha nnfisha l-perikolu tad-dikjarazzjoni tal-paternità naturali; kif huwa wkoll minnu li x'uħud oħra mix-xhieda wrew ukoll ċertu biża li jitkellmu liberament, għalkemm ma rriżulta xejn konkret u pożittiv li kien hemm xi konvinzjoni morali jew materjali minn xi waħda mill-partijiet fil-kawża, u li

għaliha setgħet jew ħasset li kellha tieħu xi provvediment dik il-Qorti sabiex issaħħaħ is-setgħat tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja; imma huwa wkoll minnu li ħafna mix-xhieda wrew ċar u apertament l-inklinazzjoni li jaġevolaw parti għad-dannu tal-oħra, u li l-ispiritu ta' parti, sew favur l-attriċi sew favur il-konvenut, jispikka ċar. Ma hemmx bżonn jingħad li dan l-atteġġjament, jekk mhux fil-kawżi kollha ċertament f'ħafna mil-kawżi, jista' jiġi notat, u b'dan kollu però jista' jingħad li għalieh hemm ir-rimedju tal-penetrazzjoni tal-ġudikant, li għandu d-dmir jivvalja u jiżen bir-reqqa kollha fil-miżien tal-ħsieb id-diversi u singoli depożizzjonijiet ħalli jasal għal dak il-konvinċiment morali tant meħtieġ u mitlub għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja umana;

Illi mill-provi tal-proċess odjern, dawk tal-proċess kriminali fuq imsemmi, li għalieh saret riferenza, kif ukoll mill-okkażjoni li kellha l-Qorti li tisma' "viva voce" x-xhieda u l-kontendenti, jirriżultaw il-fattijiet u riflessjonijiet segwenti:—

*Omissis:*

Illi, kif ġie kostantement fil-ġurisprudenza tagħha "in subjecta materia" ritenut, sabiex isseħħ kawża bħal dik in diskussjoni, hemm bżonn ikun hemm il-konkors rigorus u strett ħafna ta' tliet kondizzjonijiet:— 1. Li fi żmien viċin għall-konċepiment il-persuna li lilha tkun attribwita l-paternità naturali jkollha x'taqsam karnalment ma' omm it-tifel illeġittimu; 2. li l-omm f'dak iż-żmien ma jkollhiex x'taqsam karnalment ma' ħadd ieħor barra mill-persuna ndikata bħala l-awtur ta' uliedha; 3. u illi fl-istess epoka u żmien preċedenti hija tkun żammet ruħha bħala mara tal-galbu, b'mod li teskludi moralment il-possibbiltà li hija kellha jew seta' kellha relazzjonijiet illeċiti ma' ħadd ieħor barra mill-persuna deżinjata;

*Omissis:*

Illi kwindi l-konvenut kien l-awtur tat-tarbija in kwistjoni;

Illi r-rata alimentarja......;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar 1954, li biha l-appell tal-konvenut mis-sentenza tal-Ewwel Qorti gie michud u dik is-sentenza giet konfermata, bl-ispejjez kontra tieghu; wara li din il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-aggravju migjub il-quddiem mill-appellant, kif jidher mil-petizzjoni tal-appell u mit-trattazzjoni orali, huwa dak li l-Ewwel Qorti dehrilha li hija izjed attendibbli l-versjoni tal-attrici, u skartat dik tal-konvenut kif ukoll il-provi tieghu, u li mill-kumpless tal-provi jidher li l-kondotta tal-attrici, sew qabel, sew fi zmien tal-koncepiment, kif ukoll wara, ma kienetx tali li teskludi moralment il-possibbiltà li kellha jew seta' kellha relazzjonijiet illeciti ma' hadd iehor;

Illi jinghad, qabel xejn, li l-gudikant li ta s-sentenza appellata kellu l-vantagg wisq importanti li jisma' x-xhieda "viva voce", u li jaghmel l-apprezzament fuq id-diportament taghhom waqt li kienu jixhdu, biex jasal ghall-konkluzjoni min minnhom qal il-verità u jifforma dik il-konvinzjoni morali mehtiega ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Jinghad ukoll illi s-sentenza appellata tikkontjeni dissezzjoni arguta u partikolaregg jata tal-provi mressqin f'din il-kawza, u osservazzjonijiet fuq id-diportament ta' x'uhud mix-xhieda prodotti waqt id-depozizzjoni taghhom — osservazzjonijiet li ma jistghux ma jigux mehudin in serja konsiderazzjoni minn din il-Qorti minhabba l-vantagg tas-smiegh tax-xhieda "viva voce" fuq accennat;

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti, hija tal-fehma, u taqbel mal-Ewwel Qorti, li t-tifel Annunziato Camilleri twieled fit-28 ta' Gunju 1948 mir-relazzjonijiet sesswali li kien hemm bejn Giuseppa Camilleri u l-appellant Giovanni Schembri fix-xahar ta' Ottubru 1947, meta l-imsemmija Giuseppa Camilleri, il-lum mizzewga ma' Giorgio Busuttil, kienet ghadha taht l-età ......;

*Omissis;*

Illi, skond ir-relazzjoni tal-periti nominati bl-imsemmi digriet tat-12 ta' Diċembru 1952, mill-prova tad-demm minnhom magħmula waslu għall-konklużjoni li ma jistgħux jeskludu l-paternità tal-appellant riferibbilment għat-tarbija ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni. Jingħad ukoll li, in bażi għal dak li ntqal iżjed il-fuq, u in bażi għall-motivi miġjubin fis-sentenza appellata, din il-Qorti taqbel ma' dik tal-Ewwel Istanza li l-provi li ġieb il-konvenut appellant biex itabba' l-kondotta tal-attriċi mhumiex attendibbli, jew għax kontraddetti, jew għax jikkonsistu fix-xhieda ta' nies li jiġu minnu, jew li għandhom xi jgħidu mal-familja tal-attriċi, jew li kienu f'ċerta ħbieberija sospetta mal-appellant;

Illi, kif sewwa qalet is-sentenza appellata, il-massima segwita u adottata mill-Qrati Tagħna fil-kawżi ta' filjazzjoni illeġittima hi li fl-indaġini tal-paternità naturali hemm bżonn il-konkors ta' dawn it-tliet kondizzjonijiet:— (a) Li fiż-żmien qrib għall-konċepiment dak li lilu tiġi attribwita l-paternità ikollu relazzjonijiet karnali ma' omm it-tifel illeġittimu; (b) li f'dak iż-żmien l-omm ma jkollhiex relazzjonijiet simili ma' ħadd ieħor; (c) u li f'dak l-istess żmien, u anki qabel, il-kondotta tagħha tkun tali li teskludi moralment il-possibbiltà li hija kellha, jew seta' kellha, relazzjonijiet illeċiti ma' ħadd ieħor barra l-persuna deżinjata bħala l-missier. Dawk it-tliet kondizzjonijiet, fil-fehma tal-Qorti, jikkonkorru fil-każ in ispeċje għar-raġunijiet żvolti fis-sentenza appellata, li qegħdin jiġu adottati u ma hemmx bżonn jiġu ripetuti, billi hu suffiċjenti li ssir referenza għalihom. Konsegwentement l-appell ma jistħoqqlux jiġi milqugħ u għandu jiġi miċħud;

Rat il-petizzjoni tal-imsemmi konvenut Giovanni Schembri, li biha talab illi s-sentenza fuq riportata ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar 1954 tiġi revokata jew imħassra a tenur tal-art. 814(i) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, billi ġiet deċiża fuq provi li b'sentenza mogħtija wara ġew dikjarati foloz, u tiġi ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawża; li fil-meritu jiġi milqugħ l-appell interpost u revokata s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-28 ta' Mejju 1951, u kwindi miċħuda t-talba

tal-attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi u ta' din il-proċedura *kontra l-attriċi nomine*;

*Omissis*;

Il-motiv ta' ritrattazzjoni nvokat f'dan il-każ hu dak miġjub fil-paragrafu (j) tal-art. 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Skond dik id-dispożizzjoni, kawża deċiża b'sentenza fi grad ta' appell tista' tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, meta *l-istess sentenza tkun bażata fuq provi li b'sentenza mogħtija wara jiġu dikjarati foloz*;

B'ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina preżentata mill-petizzjonant, li kien il-konvenut fil-kawża li tagħha qegħdha tintalab ir-ritrattazzjoni kontra Giuseppa Busuttil neè Camilleri, li kienet l-attriċi f'dik il-kawża, wara li ppremetta illi s-sentenza issa mpunjata kienet bażata fuq il-fatt illi l-Qorti aċċettat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-imsemmija attriċi *illi hija fi żmien viċin għall-konċepiment tat-tarbija in* kwistjoni kienet ta' kondotta tajba u li ma kellhiex relazzjonijiet karnali ma' ħadd ieħor ħlief mal-konvenut, talab illi, għall-fini jiet tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata, dik id-dikjarazzjoni tal-attriċi tiġi dikjarata falza. Dik it-talba ġiet milqugħa b'sentenza tal-imsemmija Qorti tas-7 ta' Ġunju 1961; liema sentenza ma ġietx appellata mill-attriċi f'din il-kawża, u għaddiet f'ġudikat;

Issa, ma hemmx dubju illi s-sentenza mpunjata kienet *bażata b'mod sostanzjali fuq ix-xhieda tal-attriċi, li issa* ġiet dikjarata falza kif intqal. Infatti, jista' jingħad illi, għal dak li kienet il-kondotta tal-attriċi fiż-żmien tal-konċepiment tat-tarbija u fi żmien viċin qabel u wara, u għall-fatt li hija ma kellhiex konġunġimenti sesswali ħlief mal-konvenut, il-prova prinċipali kienet appuntu x-xhieda tal-attriċi. Intqal espressament fis-sentenza mpunjata, b'adozzjoni ta' dak li kien qabel intqal fis-sentenza tal-prima istanza, konfermata biha, illi għall-akkoljiment ta' talba ta' dikjarazzjoni ta' paternità illeġittima kontra bniedem jeħtieġ il-konkors rigorus ta' tliet kondizzjonijiet, ċioè (a) li fiż-żmien tal-konċepiment dak li lilu tiġi attribwita

l-paternità ikollu relazzjonijiet karnali ma' omm it-tarbija; (b) li f'dak iż-żmien l-omm ma jkollhiex relazzjonijiet simili ma' ħadd ieħor; (c) u illi fl-istess żmien, u anki qabel, il-kondotta tagħha tkun tali li teskludi moralment il-possibbiltà li hija kellha, jew seta' kellha, dawk ir-relazzjonijiet ma' ħadd ieħor barra l-persuna deżinjata bħala l-missier. Fiż-żewġ sentenzi fuq imsemmija ġie kunsidrat illi dawn it-tliet kondizzjonijiet kienu jirrikorru; u dan, kif ġa ntqal, għar-rigward tat-tieni u t-tielet kondizzjoni, sostanzjalment fuq ix-xhieda tal-attriċi, issa misjuba falza;

Huwa magħruf illi l-ġudizzju ta' ritrattazzjoni jikkonsisti "di due stadi distinti da non confondersi l'uno coll' altro, detti dai pratici il-rescindente e il rescissorio" (Vol. XXII-I-242). Oġġett tal-ewwel stadju hu li tiġi annullata s-sentenza bejn il-partijiet li tkun saret ġudikat; skop tattieni stadju hu li terġa ssir t-trattazzjoni tal-kawża u tiġi mogħtija sentenza ġdida. Fl-ewwel stadju mhux meħtieġ eżami approfondit tal-meritu, ħlief in kwantu li hu neċessarju biex tiġi definita l-kwistjoni preliminari dwar l-ammissibbilità tat-talba għar-ritrattazzjoni;

Minn dak li ntqal hu ċar, f'dan il-każ, illi r-ritrattazzjoni għandha tiġi ammessa;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddikjara li hemm lok għar-ritrattazzjoni tal-appell deċiż bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar 1954 tħassar dik is-sentenza, u tordna li ssir it-trattazzjoni mill-ġdid tiegħu. Li-spejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza finali.